**180. IL-MINISTRU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN jipproponi:-**

Illi l-Kamra tad-Deputati

Wara li kkunsidrat li fit-13 ta' Novembru 1990 Malta ffirmat il-Ftehim ma' l-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika għall-Applikazzjoni tas-Salvagwardji li għandhom x'jaqsmu mat-Trattat fuq in-Non-Proliferazzjoni ta' Armi Nuklear ;

Wara li kkunsidrat li meta tiffirma l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn ir-Repubblika ta' Malta u l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika għall-Applikazzjoni tas-Salvagwardji li għandhom x'jaqsmu mat-Trattat fuq Non-Proliferazzjoni ta' Armi Nuklear, Malta tingħaqad ma' tnejn u sittin pajjiż ieħor li diġa ffirmaw dan il-protokoll u b'hekk tibda tagħmel parti mill-pożizzjoni kif aċċettata mill-parti l-kbira tal-komunita' internazzjonali dwar non-proliferazzjoni ta' armi nukleari ;

Wara li kkunsidrat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) u l-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar ir-Ratifika ta' Trattati Kap. 304, u s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, Kap. 365 ;

Tirrisolvi li tawtorizza lill-Gvern biex jirratifika l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn ir-Repubblika ta' Malta u l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika għall-Applikazzjoni tas-Salvagwardji li għandhom x'jaqsmu mat-Trattat fuq Non-Proliferazzjoni ta' Armi Nukleari.

12.04.05